V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10234 — Bain Capital/Cinven/Lonza Specialty Ingredients)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 197/06)

1. Fil-11 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bain Capital Investors L.L.C. ("Bain Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Cinven Capital Management (VII) General Partner Limited ("Cinven", ir-Renju Unit),

— In-negozju ta' Lonza Specialty Ingredients ("Lonza Specialty Ingredients", l-Isvizzera), ikkontrollat minn Lonza Group AG (l-Isvizzera).

Bain Capital u Cinven jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Lonza Specialty Ingredients kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Bain Capital ditta privata tal-investimenti ta' ekwità li tinvesti f'kumpaniji f'għadd ta' industriji, inklużi dawk tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-kura tas-saħħa, tal-prodotti bl-imnut u għall-konsumatur, tal-komunikazzjonijiet, servizzi finanzjarji u industrijali / manifattura,

— Cinven hija negozju ta' ekwità privata impenjata fil-provvediment ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment,

— Lonza Specialty Ingredients tipprovdi soluzzjonijiet mikrobiċi għall-kontroll u teknoloġiji kimiċi għal firxa ta' użi finali inklużi l-protezzjoni tal-injam, iż-żejt u l-gass, il-plastik, il-metalli, u l-applikazzjonijiet taż-żebgħa u tal-kisi. Hija tipprovdi wkoll prodotti u servizzi ta' speċjalità, bħal materjali komposti, intermedjarji tal-prestazzjoni u sustanzi kimiċi, u servizzi ta' żvilupp u manifattura doganali għal firxa ta' applikazzjonijiet u industriji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10234 — Bain Capital/Cinven/Lonza Specialty Ingredients

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks + 32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË